**18 ta' Marzu, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Edgar Camilleri, għan-nom u in rappresentanza tas-Soċjetà Soap & Sponge Limited

*versus*

David Cilia

## Azzjoni Kambjarja - Kontro-talba

*L-attur eżerċita azzjoni kambjarja u l-konvenut ippropona kontro-talba. L-attur fi tweġiba għall-kontro-talba eċċepixxa illi l-kontro-talba ma kenitx proponibbli. Il-Qorti mxiet fuq l-iskorta ta' l-insenjamenti tal-Qorti ta' l-Appell fis-sens illi l-art. 396 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jagħti lill-konvenut id-dritt li jagħmel kontro-talba "in any action". Isegwi li la l-leġislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistgħux jiġu imposti mill-Qorti. Il-Qorti ordnat għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta:

Illi l-konvenut aċċetta kambjala li l-valur komplessiv tagħha jammonta għal sitt mija u sitta u sittin Lira Maltija (Lm 666.00,0) tratta mill-attur nomine, kif jirriżulta mid-dokument hawn mehmuż (Dokument "A"), u liema kambjala nħarġet in

konsiderazzjoni ta' ħlas ta' prezz ta' tagħmir tal-kmamar tal-banju mibjugħ u kkonsenjat lill-istess konvenut;

Illi l-imsemmija kambjala mmaturat fil-31 ta' Ottubru, 1992, u baqgħet ma tħallsitx, minkejja li l-konvenut ġie interpellat, anke permezz ta' ittra uffiċjali, biex jersaq għall-ħlas tagħha;

Talab li din il-Qorti:

1. *tikkundanna 'l-konvenut iħallas lill-attur nomine s-*somma msemmija ta' sitt mija u sitta u sittin Lira Maltija (Lm666.00,0), import ta' kambjala skaduta u mhux imħallsa, kif fuq ingħad;

2. tikkundanna 'l-konvenut ukoll li jħallas lill-attur nomine l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' l-iskadenza relattiva ta' l-istess kambjala;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tal-25 ta' Jannar, 1993 u ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Frar, 1993, kontra l-konvenut;

Rat id-dikajarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u kontro-talba tal-konvenut David Cilia li biha eċċepixxa:

"Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom ikunu miċħdua bl-ispejjeż peress illi:

1. is-soċjetà attriċi ma kkonsenjatx il-merkanzija kollha, u l-parti konsenjata ma kenitx tal-kwalità miftiehma, u għalhekk

il-konvenut, permezz ta' protest tat-12 ta' Marzu, 1993, fl-atti ta' din il-Qorti, kien irrifjuta l-konsenja;

2. għalhekk, ladarba s-soċjetà attriċi kienet inadempjenti u ma kkonsenjatx dak li ftiehmet li tbigħ, il-prezz tal-bejgħ ma hux dovut lilha; anzi għandha trodd lill-konvenut il-parti mill-prezz ġà mħallsa lilha, kif ukoll tagħmel tajjeb għad-danni li sofra l-konvenut minħabba n-nuqqas ta' l-istess soċjetà attriċi li tikkonsenja merkanzija tal-kwalità miftiehma, skond il-kontro-talba li l-konvenut qiegħed jipproponi f'din in-nota;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;"

Rat il-kontro-talbiet proposti mill-konvenut li bihom huwa ppremetta:

"Illi l-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenut jixtri mingħand is-soċjetà attriċi kwantità ta' madum u '*skirting*' bil-patt illi dawn ikunu "ta' l-ewwel kwalità", kif jidher minn 'order no. 026806' (Dokument "B");

Illi l-prezz ta' din l-ordni kien ta' elf, mija u tmienja u għoxrin lira (Lm1,128), li minnu l-konvenut ħallas erba' mija u tnejn u sittin lira (Lm462) akkont (Dokument "C") u ħareġ kambjala (Dokument "A") għall-bilanċ ta' sitt mija u sitta u sittin lira (Lm666);

Illi s-soċjetà attriċi kkonsenjat parti mill-madum, u meta dan il-madum tqiegħed fil-post irriżulta li kien ta' kwalità inferjuri, u mhux ta' l-ewwel kwalità skond il-ftehim;

Illi għalhekk il-kovenut irrifjuta l-konsenja tal-kumplament

tal-merkanzija, u, bi protest ġudizzjarju tat-12 ta' Marzu, 1993 fl-atti ta' din il-Qorti, kien sejjaħ lis-soċjetà attriċi sabiex trodd is-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin lira (Lm462) *mħallsa* akkont, u sabiex tagħmel tajjeb għad-danni kollha li hu sofra minħabba n-nuqqas ta' l-istess soċjetà attriċi;

Illi s-soċjetà attriċi rrifjutat li tagħmel tajjeb għan-nuqqas tagħha, u anzi pproponiet kawża għall-ħlas tal-bilanċ ta' prezz minnha pretiż;

Talab li għalhekk din il-Qorti:

1. tirrixxindi l-bejgħ li sar bejn il-partijiet minħabba n-nuqqas tas-soċjetà attriċi billi l-madum ikkonsenjat ma kienx tal-kwalità miftiehma;

2. tikkundanna lis-soċjetà attriċi trodd is-somma ta' erba mija u tnejn u sittin lira (Lm462) li kienet tħallset akkont u li issa qiegħda *żżomm mingħajr titolu*;

3. tillikwida d-danni li sofra l-konvenut minħabba n-nuqqas tas-soċjetà attriċi, li jikkonsistu fl-ispejjeż sabiex jinqala' l-madum inferjuri, fid-differenza fil-prezz sabiex jinxtara madum ġdid tal-kwalità miftiehma, u sabiex dan jitqiegħed fil-post, u danni oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. tikkundanna lis-soċjetà attriċi sabiex tħallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, *inklużi* dawk tal-protest ġudizzjarju tat-12 ta' Marzu, 1993, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-istess protest, kontra l-attur nomine";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur Edgar Camilleri nomine għall-kontro-talba tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"1. preliminarjament, l-irritwalità tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, għall-finijiet ta' l-artikoli 197 sa 199 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta), stante li l-azzjoni ta' l-eċċipjenti nomine hija waħda kambjarja;

2. illi, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet rikonvenzjonali huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-eċċipjenti nomine wettaq fedelment u kif pattwit l-obbligazzjonijiet tiegħu kollha fil-konfront tal-konvenut;

3. illi, l-eċċipjenti nomine la għandu jagħti xi rifużjoni u wisq anqas jagħmel tajjeb għal xi danni lejn il-konvenut, billi safejn kien involut direttament, aġixxa fit-termini tal-ftehim;

4. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur nomine li takkompanja n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif ukoll il-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' l-attur ta' l-irritwalità tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut għall-finijiet ta' l-artikoli 197 sa 199 tal-Kodiċi tal Kummerċ (Kap. 13) stante li l-azzjoni ta' l-eċċipjenti nomine hija waħda kambjarja;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Jannar, 1994 li bih il-

kawża ġiet iddifferita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' l-attur nomine għall-kontro-talba tal-konvenut;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Id-difensuri tal-kontendenti ppreżentaw noti ta' osservanza eruditi u sorretti minn ċitazzjonijiet kopjużi ta' dottrina u ġurisprudenza in materja u ma kienx faċli għall-Qorti biex tasal biex tagħżel bejn it-teżijiet konfilġġenti li ġew iċċitati.

Wara li rriflettiet fit-tul, il-Qorti kkonkludiet li għandha timxi fuq l-iskorta ta' dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza minnha mogħtija fit-28 ta' Novembru, 1988 fil-kawża fl-ismijiet "Dr. David Tonna nomine versus Boris Arcidiacono nomine" fis-sens li:

"L-artikolu 396 (Kap. 12) jagħti lill-konvenut id-dritt li jagħmel kontro-talba *in any action.* Isegwi li la l-leġislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistgħux jiġu imposti mill-Qorti. Infatti l-kliem tal-liġi fl-imsemmi artikolu huwa ċar li ċertament ma hemm lok għal ebda interpretazzjoni.

L-artikolu 198 (Kap. 13) li jikkontempla ċerti eċċezzjonijiet fl-azzjoni kambjarja ma hux ta' ostaklu għall-eżerċizzju tad-dritt li tagħmel kontro-talba kkontemplata fl-artikolu 396 (Kap. 12). Iżda fil-waqt li tkun tista' issir il-kontro-talba fl-azzjoni kambjarja għandhom jiġu fl-istess ħin osservati d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 198 (Kap. 13). Għalhekk il-konsegwenza hija li jekk f'azzjoni kambjarja ssir konto-talba li teħtieġ eżami fit-tul u li ddewwem il-ħlas tal-kambjali, allura l-kawża quddiem il-Qorti għandha tiġi deċiża f'żewġ stadji - fl-ewwel stadju tiġi deċiża l-azzjoni kambjarja u fit-tieni stadju tiġi deċiża l-kontro-talba."

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar l-eċċezzjonijiet in disamina, issollevata mill-attur nomine, ta' l-irritwalità tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut stante li l-azzjoni ta' l-attur nomine hija waħda kambjarja, billi tiċħad bħala infondata din l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine u tordna l-prosegwiment tal-kawża konpriża r-rikonvenzjoni da parti tal-konvenut.